2026/2609

23.11.2026

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2026/2609

tas-17 ta' Novembru 2026

li tawtorizza l-ftuħ ta' negozjati għal ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika Għarbija tal-Eġittu u ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Renju Ħaxemita tal-Ġordan dwar faċilitazzjoni tal-investiment sostenibbli

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 207(4), l-ewwel subparagrafu, flimkien mal-Artikolu 218(3) u (4) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi jenħtieġ li jinfetħu negozjati bil-ħsieb li jiġi konkluż ftehim mar-Repubblika Għarbija tal-Eġittu u ftehim mar-Renju Ħaxemita tal-Ġordan dwar faċilitazzjoni tal-investiment sostenibbli,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-ftuħ ta' negozjati għal ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika Għarbija tal-Eġittu u ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Renju Ħaxemita tal-Ġordan dwar faċilitazzjoni ta' investiment sostenibbli huwa b'dan awtorizzat.

Artikolu 2

Il-Kummissjoni hija b'dan innominata bħala n-negozjatur tal-Unjoni.

Artikolu 3

Id-direttivi ta' negozjati stabbiliti fl-addendum ta' din id-Deċiżjoni huma b'dan indirizzati lill-Kummissjoni.

Artikolu 4

In-negozjati għandhom isiru f'konsultazzjoni mal-Kumitat tal-Politika Kummerċjali (Esperti – Servizzi u Investiment), li huwa b'dan maħtur bħala l-kumitat speċjali previst fl-Artikolu 218(4) tat-Trattat.

Artikolu 5

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Kummissjoni.

Magħmul fi Brussell, is-17 ta' Novembru 2026.

Għall-Kunsill

Il-President

H. MCENTEE